A.L. 290 ta' l-2011

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2011 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Institute of Health Care

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2011 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Institute of Health Care, ippubblikati bħala Avviż Legali 186 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. L-ordinamenti 4 sa 7 għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2010 jew wara.

3. L-ordinamenti 8 u 9 għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

L-Emenda għat-titolu tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok it-titolu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of

Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa"

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur għal kull qasam ta' studju offrut fil-Kors;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons);

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004."

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok l-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. (1) L-applikanti li jagħżlu l-qasam ta' studju tal-Applied Biomedical Science u li għandhom grad D minflok grad Ċ f'wieħed mis-suġġetti mitluba fil-Livell Avvanzat kif indikat fil-paragrafu (d) tal-ordinament 3 jidħlu taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa jista' jimponi biex jagħmel tajjeb għall-element nieqes. Jekk, sal-aħħar tal-ewwel sena tal-Kors, dawn l-istudenti ma jtemmux b'suċċess ir-rekwiżiti kollha biex jitilgħu regolarment għat-tieni sena tal-Kors, huma jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors, u ma jkunux la intitolati li jirrepetu s-sena u lanqas li jitilgħu għat-tieni sena kondizzjonalment kif normalment permess skont ir-Regolamenti Prinċipali."

Applikabbli għall-korsijiet li jibdew minn Ottubru 2011 'il quddiem:

(2) L-applikanti li jagħżlu l-qasam ta' studju tal-Occupational Therapy u li għandhom grad D minflok grad Ċ fil-Livell Avvanzat indikat fil-paragrafu (h) tal-ordinament 3 jidħlu taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa jista' jimponi biex jagħmel tajjeb għall-element nieqes. Jekk, sal-aħħar tal-ewwel sena tal-Kors, dawn l-istudenti ma jtemmux b'suċċess ir-rekwiżiti kollha biex jitilgħu regolarment għat-tieni sena tal-Kors, huma jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors, u ma jkunux intitolati la li jirrepetu s-sena u lanqas li jitilgħu għat-tieni sena kondizzjonalment kif normalment permess skont ir-Regolamenti Prinċipali.

(3) L-applikanti li jagħżlu l-qasam ta' studju tal-Podiatry u li għandhom grad D minflok grad Ċ fil-Livell Avvanzat kif indikat fil-paragrafu (j) tal-ordinament 3 jidħlu taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa jista' jimponi biex jagħmel tajjeb għall-element nieqes. Jekk, sal-aħħar tal-ewwel sena tal-Kors, dawn l-istudenti ma jtemmux b'suċċess ir-rekwiżiti kollha biex jitilgħu regolarment għat-tieni sena tal-Kors, huma jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors, u ma jkunux intitolati la li jirrepetu s-sena u lanqas li jitilgħu għat-tieni sena kondizzjonalment kif normalment permess skont ir-Regolamenti Prinċipali."

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

7. Minflok l-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"8. Il-Grad jista' jingħata skont il-provvedimenti ta' dawn l-ordinamenti f'wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju:

Applied Biomedical Science, Communication Therapy, Dietetics, Environmental Health, Midwifery, Nursing, Nutrition, Occupational Therapy, Physiotherapy, Podiatry, u Radiography jew f'xi qasam ieħor relatat max-Xjenzi tas-Saħħa, wara l-approvazzjoni tas-Senat."

Iż-Żieda tal-ordinament 14 mal-ordinamenti prinċipali

8. L-ordinament 14 li ġej għandu jiżdied wara l-ordinament 13 tal-ordinamenti prinċipali:

"14. L-istudenti li jidħlu skont il-provvedimenti tal-ordinament 5, li jkunu temmew b'suċċess il-kors għas-Certificate in Clinical Nursing Practice fl-istess qasam ta' studju li għalih ikunu qegħdin jiġu aċċettati, jistgħu jitħallew jittrasferixxu t-taqsimiet studju li għaddew minnhom matul il-kors taċ-Ċertifikat għall-kors li jwassal għall-Grad bil-kundizzjoni li huma jirrinunzjaw għaċ-Ċertifikat."

9. L-ordinamenti 14 u 15 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 15 u 16.